**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**vs**

**KIDU GEBREMARIAM GEBRECHARIKOS**
**u**
**MUSTAFA ASEYR AHMED**

**Illum 22 ta' Novembru 2023**

**Kumpilazzjoni numru: 801/2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **KIDU GEBREMARIAM GEBRECHARIKOS** ta' nazzjonalita' Eritreana, imwieled nhar l-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elf disgħa mija u sitta u tmenin (1986), residenti 39, Triq Isouard, Marsa, Malta u detentur tal-permess ta' residenza Maltija bin-numru 0082129 u **MUSTAFA ASEYR**

**AHMED** ta' Nazzjonalita' Somala, imwieled nhar l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disgħa mija sitta u disgħin (1996), residenti 114, Dar Patri Leopoldo, Triq San Albert, Gżira, Malta u detentur tal-permess ta' residenza Maltija bin-numru 0129203A nakkużawhom;

1. Talli fid-9 ta' Ottubru 2023, għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs) u l-ħdax ta' filgħodu (11:00hrs), ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer:
2. Ikkommettew serq ta' mowbajl, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Dario Pettinato u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;
3. Attakkaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku u ċioe' fuq PS 525 Johann Parnis, PS 649 Joseph Buhagiar, PC 1221Noel Mifsud, u PC 2048 Daniel Scerri filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
4. Mingħajr ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq PS 525 Johann Parnis u PS 649 Joseph Buhagiar, u dan skont kif iċċertifika Dr. Karl Cassar, liema persuni huma uffiċjali pubbliċi jew li kienu inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku jew li huma uffiċjali ta' korp kostitwit b'liġi meta r-reat sar minħabba li huma kienu għamlu id-dmirijiet tal-kariga tagħhom;

U lil KIDU GEBREMARIAM GEBRECHARIKOS waħdu nakkużawh ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi;

5. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli fuq proprjeta' pubblika, u ċioe' ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GVP765, liema ħsara tammonta għal disgħa mija u ħamsin Ewro (€950) u għaldaqstant hija waħda li ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Ewro (€2500) iżda hija iktar minn mitejn u ħamsin Ewro (€250), u dan għad-detriment tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta jew/u Gvern ta' Malta jew/u entitajiet oħra;
6. U aktar talli kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D, deċiża fil-ħamsa u għoxrin (25) ta Mejju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

U lil MUSTAFA ASEYR AHMED waħdu nakkużawh ukoll talli:

7. Irrenda ruħu riċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati Malta li saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula

Din l-Onorabbli Qorti giet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-rigward illi l-ħati jħallas id-danni ai termini tal-istess Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti giet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu erbgha (4) xhieda kif gej:

Lis-Spettur Clinton Theuma (*a fol* 30 et. seq.); Dario Pettinato(a fol 30 et. seq.);Alejandro Camilo Salazar Contreras (*a fol* 30 et. seq.); Ramhari Lamichhane (*a fol* 30 et. Seq.)

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-lum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

1. Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergaw lura minnha u kien biss wara li staqsietom it-tieni darba wara li kkonsultaw mal-avukat Dr. Joseph Bonnici li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputati, il-Qorti tiddikjara li m'għandiex triq oħra salv li ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiża jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil mal-parametri li kellha timxi magħhom il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

**ATTAKKI FUQ PULIZIJA QATT M'HUMA SKUŻABBLI**

Il-Qorti terġa' ttenni li l-Pulizija jridu jkunu protetti waqt li jkunu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom u ħadd m'huwa skużat – tkun xi tkun ir-raġuni – li jhedded lil xi uffiċjal tal-Pulizija jew li b'xi mod iweġġgħom.

Ordni tal-Pulizija għandha tkun obduta mal-ewwel u għandu jintwera rispett lejn kull uffiċjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett għandu jidher b'mod l-aktar ċar u enfatiku f'sitwazzjonijiet fejn tkun daħlet imqar naqra tensjoni. F'dan il-każ it-tensjoni ħoloqha bla bżonn l-imputat stess, liema imġieba qatt m'hi se tkun tollerata minn din il-Qorti.

Il-Qorti ma tridx li membri tal-Korp tal-Pulizija jiddemoralizzaw ruħhom għaliex għad hawn min jaħseb li hu 'l fuq mil-liġi u ma jirrispetta lil ħadd. Attakk fuq membru tal-Korp tal-Pulizija jew xi forza oħra tal-ordni huwa attakk fuq is-soċjeta' kollha. Kif jista' f'pajjiżna xi ħadd jaċċetta li membru tal-korp ħareġ mid-dar għal ġurnata tax-xogħol u rritorna lura ferut?

Il-Pulizija Esekuttiva hija hemm sabiex tipprotegi c-cittadin u m′ghandhiex tigi mqieghda f′sitwazzjoni li tibza tezercita d-dritt taghha li tikkoregi lill-individwu li ma jkunx qed jimxi skond il-ligi.

Il-Qorti tinkoragixxi lill-ufficcjali tal-Pulizija sabiex jintervjenu kull fejn ikun hemm xi nuqqas ta′ terz u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

Il-piena m′ghandhiex isservi bhala xi forma ta′ vendikazzjoni tas-socjeta\` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta′ dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta\`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta′ persuni li b′ghemilhom juru li huma ta′ minaccja ghas-socjeta\` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta′ reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta′ deterrent generali. Il-Qrati ta′ gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.1 (Enfasi tal-Qorti).

Illi c-cirkostanzi ta′ kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta′ kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a

priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-Pulizija vs Maurice Agius2 dik il-Qorti qalet hekk:

Huwa car...., li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex

jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal perijodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet stadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghat-tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi u wara li rat Artikoli 261 (c), 267, 279 (a), 96, 214, 215, 221, 222(1)(c) u 325 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ssib lill-imputati hatja;

U tikkundannhom:

**KIDU GEBREMARIAM GEBRECHARIKOS;**

7 xhur prigunerija u €4,000 multa.

**MUSTAFA ASEYR AHMED**

8 xhur prigunerija u €4,000 multa.

Fil-kaz ta' KIDU GEBREMARIAM GEBRECHARIKOS is-sentenza ta' piena sospiza moghtija fil-25 ta' Mejju 2022 qeghda tkun estiza biex l-effett taghha jerga' jibda millum.

---

**DR JOSEPH MIFSUD**

**MAGISTRAT**

---

**YLENIA SPITERI**

**DEPUTAT REGISTRATUR**